24 ta' Lulju, 1946.

**Imhallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Alfred Tonna *versus* Jennie Gauci et.**

**Self — Fidejussjoni — Mara — Nullità — Interessi — Użura — Art. 2037 u 948 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-garanzija tal-mara miżżewġa għal obligazzjoni ta' żewġha, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, hija nulla.*

*Dana però ma jfisserx illi kull self li l-mara miżżewġa tikkontraji flimkien ma' żewġha għandu jitqies bħala fidejussjoni, meta ma jikkonkorrux ċirkustanzi li minnhom jista' jingħad illi l-mara assumiet jew ikkawtelat dejn tar-raġel, jew fl-interess esklużiv tiegħu, u mhux anki fl-interess tagħha.*

*Meta s-self isir għal bżonnijiet tar-raġel, imma l-mara tkun anki interessata, dak is-self għall-mara ma hux null.*

*Normalment ir-rata ta' l-użura għandha titnaqqas sar-rata permessa mill-liġi; iżda meta l-attur jitlob biss l-imgħax minn ċerta data, dan l-imgħax għandu jiġi akkordat minn dik id-data. Jekk il-Qor-*

*li tagħti l-imgħax legali mid-data meta sar is-self, tkun qiegħda tiddeċidi "ultra petita".*

*Il-Qorti.* — *Rat iċ-ċitazzjoni* li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-imsemmija Jennie sive Giovanna Gauci, assistita minn żewġha Joseph Gauci, u bil-garanzija ta' l-istess Joseph Gauci, issellfet minn għand l-attur is-somma ta' £112. 10. 0, li kellha tirrestitwixxi b'pagamenti rateali settimanali, *ċjoè kull ġimgħa*, ta' £2. 5. 0 kull wieħed, bid-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu in mankanza ta' żewġ pagamenti rateali jew ta' ammont ta' £4. 10. 0, skond l-iskrittura ta' l-1 ta' Ottubru 1945 (dok. A), l-ewwel pagament kellu jsir fit-8 ta' Ottubru 1945; u illi l-konvenuta ħallset biss akkont ta' l-imsemmija somma ta' £112. 10. 0 is-somma ta' £36. 5. 0, u li għalhekk baqgħalha tagħti l-bilanċ ta' £76. 5. 0; talab li l-konvenuti Jennie sive Giovanna Gauci debitriċi prinċipali, u Joseph Gauci bħala garanti solidali tagħha kif imsemmi fl-obligazzjoni, jiġu flimkien u "in solidum" kundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' £76. 5. 0, bilanċ ta' £112. 10. 0, kif fuq intqal, mislufa bl-imsemmija obligazzjoni ta' l-1 ta' Ottubru 1945. Bl-imgħax legali min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Mejju 1946; u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-imsemmija ittra uffiċjali; u l-konvenuti jibqgħu mħarrka biex jagħtu s-subizzjoni tagħhom;

*Omissis*.

Fil-kontumaċja tal-konvenuti;

**Ikkunsidrat**;

Illi mill-iskrittura fol. 5 jidher illi l-konvenuta kkostitwiet ruħha debitriċi fis-somma ta' £112. 10. 0, li hi kienet qiegħda tirċievi b'self. Hi obligat ruħha li tħallas din is-somma b'pagamenti rateali, bil-patt tad-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu f'każ ta' morożità f'żewġ rati. Fl-istess skrittura l-konvenut żewġha ntrabat bħala garanti solidali;

Illi skond l-art. 2037 Kodiċi Ċivili, Kap. 23, il-garanzija tal-mara miżżewġa għall-obligazzjoni ta' żewġha, mingħajr l-awtorizzżżjoni tal-Qorti, hija nulla;

Illi minn dina d-dispożizzjoni però ma hux leċitu li wieħed jiddeduċi illi kull self li l-mara miżżewġa tikkontraji flimkien ma' żewġha għandu jitqies fidejussjoni, meta ma jikkonkorrux ċirkustanzi li minnhom jista' jingħad illi l-mara assumiet jew

ikkawtelat dejn tar-raġel, jew fl-interess esklużiv tiegħu, u mhux anki fl-interess tagħha (ara Appell "Mamo vs. Mifsud" 14 ta' Mejju 1920; Appell "Attard vs. Azzopardi" 28 ta' Jannar 1929; "Micallef vs. Mizzi" Prim'Awla 8 ta' April 1930; "Frendo vs. Dr. Parnis" Prim'Awla 7 ta' Jannar 1931; Prim' Awla "Dr. Galea Naudi vs. Amato Gauci", 9 ta' Lulju 1934);

Illi mix-xhieda ta' l-attur, mhux kontradetta, jirriżulta illi s-self sar, kif iddikjaraw lill-attur iż-żewġ konvenuti, għall-bżonnijiet tal-familja u biex il-konvenuti jħallsu l-ispejjeż tat-tifla tagħhom li kienet sejra ssir soru. Għalhekk ma jidhirx li hemm ċirkustanzi li minnhom jista' jingħad illi s-self serva għall-konvenut bla ma kienet interessata l-konvenuta. Konsegwentement ma hemmx il-fidejussjoni li, meta ma ssirx bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, tkun nulla;

Ikkunsidrat;

Illi, kif stqarr l-attur, għalkemm fl-iskrittura tissemma s-somma ta' £112. 10. 0, il-versament effettiv kien ta' £100 biss. L-eċċess kien jirrappreżenta imgħax bl-użura. Il-konvenuti ħallsu £36. 5 0 akkont. Normalment ir-rata ta' l-użura għandha titnaqqas sar-rata permessa mil-liġi (art. 1948 Kodiċi Ċivili, Kap. 23); iżda f'dan il-każ l-attur qiegħed jitlob l-imgħax biss mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali tas-6 ta' Mejju 1946, u għalhekk kien ikun "ultra petita" kieku l-Qorti kellha tagħtih l-imgħax bir-rata legali mid-data ta' l-iskrittura. Konsegwentement l-attur għandu dritt għall-bilanċ tal-kapital, jiġifieri £63. 15. 0, u l-imgħax mid-data minnu mitluba;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' t-talba limitatament għas-somma ta' £63. 15. 0 u teskludiha għall-bqija tagħha; bl-imgħax mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali msemmija fiċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż jitħallsu fil-proporzjon tat-telf u rebħ.

---